**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 26**

**NHAR IL-ĦAMIS 22 TA' NOVEMBRU fil-5.00pm fl-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetchuti | Membru |
| Wallace Farrugia | Membru |

Il-Membru A. Paris kienet skużata.

**TALBA**

Ic- Chairperson qal it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 25 ġew approvati. Ic- Chair person F. Salt propona u l-Membru W. Farrugia ssekonda.

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Wallace Farrugia**

1. Il- Membru W. Farrugia kkonferma li saret laqgħa fil-Kunsill mal-Kuntrattur fil-Kunsill; għal din il-laqgħa kien hemm ukoll preżenti s-Sindku N.Muscat fejn sar qbil li malli l-Kuntrattur jippreżenta l-Granzija Bankarja ta' 10% fuq xogħlijiet li jammontaw għal €120,000; dan jingħata pagament ta' €30,000 bil-kundizzjoni li jibda' mmedjatament. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Il-Membru W. Farrugia informa li huwa għamel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex dan iħejji d-diżin mill-aktar fis tal-Parti t' isfel ta' Triq Pedidalwett li mhux inkluża fil-Kuntratt. Meta dan id-disin jkun lest, huwa ppropona li ssir laqgħa mar-residenti sabiex jkunu

3. Il-Membru W. Farrugia staqsa dwar it-traffic calmer ta' Triq il-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Perit kien issuġerixxa li dawn ser issiru mill-Kuntrattur meta jitkompla x-xogħlijiet li fadal.

4. Rigward il-Maintenance Agreement, il-Membru ħa l-inkarigu li jagħmel draft ta' dan l-agreement.

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI - ikomplu

**Alex Chetcuti**

1. Il-Membru A. Chetcuti informa li l-bankina fi Triq il-Bir tinsab fi stat perikoluż u għandha bżonn titranġa mill-aktar fis.

2. Huwa nforma li ċ-ċint ta' quddiem Busietta Gradens ukoll jinsab fi stat perikoluż.

**Vici – Chairperson – Mary Anne Abela**

1. Hija nfurmat li ser ssir sulletta tal-konkos u handrail fuq il-ħajt ta' Triq Pedidalwett. Il-Viċi Chair person infurmat li s-Segretraju Eżekttuv kellu l-approvazzjoni sabiex jibda' il-kumpplament tax-xogħlijiet li fadal.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:30pm u sar aġġornament għal Ħamis 20 ta' Diċembru 2012 fil-5pm.

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Frank Salt
Chairperson